MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 1/2002/1

**Frank Rapa**

**Vs**

**Teddy Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz prezentat mill-attur fl-4 ta’ Jannar 2002 l permezz tieghu talab il-hlas tas-somma ta’ elf sebgha mija u tlieta u disghajn lira Maltija (Lm1793) oltre t-taxxa tal-VAT rapprezentanti bilanc minn somma akbar li ghadha dovuta mill-konvenut in konessjoni ma’ bejgh ta’ diversi ingenji mibjugha u konsenjati lilu.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fl-20 ta’ Marzu 2002[1] li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjenti m’huwiex debitur lejn l-attur f’ebda ammont minnu pretiz fl-Avviz u m’ghandu jaghtih xejn.
2. Illi ghal dak li jirrigwarda l-bejgh tal-magna 760AEC, kull hlas pretiz mill-attur ghall-bilanc tal-prezz jinsab preskritt ai termini ta’ l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili (Kap. 16).
3. Illi a rigward tal-bejgh tal-vettura kummercjali tal-ghamla ERG, dan sar bil-prezz ta’ tliet elef u sebgha mitt lira Maltija (Lm3,700) u mhux bil-prezz ta’ erbat elef (Lm4,000) kif qed jikkontendi l-attur, u dan kif ser jigi pruvat fil-kors tal-kawza.
4. Illi dwar in-negozju tal-magna tal-marka Cummins u tat-trukk ERF li sar f’April 2000, il-prezz taghhom kien gie saldat billi in parti kien sar tpartit ma’ sitta il-bundle injam tat-Tip A u zewg bundles injam marine plywood tat-Tip B bil-prezz ta’ erbat elef tliet mija u ghoxrin liri Maltin (Lm4,320) eskluza l-VAT u in parti kienet saret tpacija fl-ammont ta’ sebgha mitt lira Maltija (Lm700) li Frank Rapa kellu jaghti lil Joseph Grech li kien importalu l-imsemmi truck mir-Renju Unit ma’ somma ugwali minn kreditur akbar li l-istess Joseph Grech kellu jaghti lill-eccipjenti.
5. Illi a rigward tal-bilanc ta’ Lm143.23 mill-prezz tal-gearbox tal-marka Eaton, in-negozju ma sarx ma’ l-attur izda sar mal-kumpannija F & V Limited, li maghha l-eccipjenti m’ghandu ebda relazzjoni jew konnessjoni.

Permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri prezentata fis-6 ta’ Jannar 2006 (fol. 97), il-konvenut eccepixxa:-

1. L-inammissibilita’ tat-talba attrici in kwantu tirrigwarda il-hlas tal-prezz tal-vettura truck ERF unit stante li l-ftehim bejn il-partijiet ma sarx bil-formalita’ rikjesta mil-ligi (Art. 37 u 38 tal-Att XVII tal-1993), kwindi skond l-istess ligi, li bhala ligi fiskali hija ta’ ordni pubbliku u ghandha tigi nterpretata litteralment, dak il-bejgh ma jistax iservi bhala titolu tal-azzjoni.

[1] Fol. 10.

2. L-irritwalita' tad-domanda attrici in kwantu tirrigwarda l-bejgh ta' truck ERF unit peress illi jekk hu veru li t-trasferiment ta' din il-vettura sar mhux bil-miktub kif preskritt mil-ligi, u dan kif ammess mill-istess attur u xhieda ohra li xehedu fil-kawza, allura l-istess attur kien kompartecipi fl-illegalita' u ma jistax illum jibbaza l-azzjoni fuq l-illegalita' tieghu stess, u dan a bazi tal-principju *nemo ex proprio dolo consequitur actionem u ex propria culpa non oritur actio*.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Mejju 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:-

1. Mal-avviz, l-attur ipprezenta zewg statements:-

(a) Statement mibghut lill-konvenut u datat l-1 ta' Marzu 2001 (fol. 3), li jindika bilanc ta' elf sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm1,650).
(b) Statement datat 2 ta' Ottubru 2000 mibghut lill-konvenut ghan-nom ta' F & V (fol. 4), li jindika bilanc ta' mija u tlieta u erbghin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm143.23).

2. Il-Qorti hi tal-fehma li ghandhom l-ewwel jigu trattati l-eccezzjonijiet li nghataw fin-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri. Bazikament il-konvenut qieghed isostni li t-trasferiment ma sarx bil-miktub u ghalhekk m'huwiex validu skond il-ligi. L-attur ghamel riferenza ghall-Artikolu 37[2] u 38[3] tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u

[2] Taxxa fuq Trasferiment ta' karrozza bil-mutur.
[3] Meta trasferiment isir bil-miktub.

Trasferimenti (Kap. 364). Dawn il-provvedimenti thassru permezz ta' l-Att X ta' l-1994 u l-Att II ta' l-2002 u ghalhekk m'ghadhomx japplikaw. Qabel dahal fis-sehh dan l-Att kien japplika l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti (Kapitolu 294) li kien jipprovdi fl-Artikolu 40(1):-*"Bla hsara ghal kull ligi li tippreskrivi att pubbliku, kull trasferiment li ghalih japplikaw l-artikoli 38 u 39 ta' dan l-Att,* ***taht il-piena tan-nullita'****, ghandu jsir bil-miktub"*. L-Artikolu 39 kien jittratta t-taxxa pagabbli fuq trasferiment ta' karrozza tal-mutur.

Kif tajjeb osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[4] fil-kawza fl-ismijiet Cranes and **Commercials Sales Ltd vs Lawrence Micallef** deciza fis-17 ta' Novembru 2003:- *"Il-Qorti tiskosta ruhha minn din il-gurisprudenza ghar-raguni ovvja illi fl-istat prezenti tal-ligi ma ghadhiex rikjesta taht l-Att XVII ta' l-1993: Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kapitolu 364) li ssostitwixxa proprju il- Kapitolu 68, il-formalita` ta' l-iskrittura ghal fini ta' xiri u trasferiment ta' vetturi. Ghalhekk ukoll billi hi massima fundamentali li kull persuna, u partikolarment dik fil-professjoni legali, hija presunta li taf il-ligi, ma jidherx li l-konvenut kien lejali mal-Qorti meta ccita gurisprudenza ormai sorpassata, kostruwita fuq ligi li ma ghadhiex fis-sehh"*.

F'kull kaz mill-provi jirrizulta li sar t-transfer relattiv tal-vettura fuq isem il-konvenut billi gie ffirmat il-logbook. Il-ligi ma kienet tipprovdi ghall-ebda formalita' partikolari ghal finijiet ta' kitba fejn si tratta ta' bejgh ta' vettura. L-iffirmar tad-dokumenti sabiex seta' jsir it-transfer gie meqjus mill-Qrati bhala bizzejjed biex tghaddi l-proprjeta' tal-vettura (ara f'dan is-sens sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Cachia vs Mario Spiteri** deciza fit-8 ta' April 1992 u tal-Qorti tal-Magistrati (Malta)[5] moghtija fit-18 ta' Lulju 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Philip Agius vs Joan Smith**). Sahansitra fil-kawza **Commercials Sales Ltd vs Lawrence Micallef** (fuq citata) inghad *"Ankorke, imbaghad, dik l-istess ligi u gurisprudenza kienet ghadha prevalenti u tghodd, ma jidherx, fil-fehma tal-Qorti, illi l-invoice esebit ma tirrivestix*

---

[4] Onor. Imhallef Philip Sciberras.
[5] Onor. Magistrat Dr. Michael Mallia.

*l-elementi tal-ftehim bil-miktub, sottoskritta wkoll mill-konvenut; Kif gja aktar 'il fuq spjegat f' materja ta' bejgh ta' mobbli il-proprjeta` tal-haga venduta tghaddi fil-proprjeta` ta' l-akkwirent malli jsir ftehim fuq l-oggett u l-prezz. Dan jattalja ruhu mad-disposizzjoni generali ta' l-Artikolu 994 tal-Kapitolu 16 li jghid li di regola l-proprjeta` tigi trasmessa b' effett tal-kunsens tal-partijiet".* Applikat dan ir-ragunament, fic-cirkostanzi zgur li n-negozju huwa validu u ma tezisti l-ebda illegalita'. Ghalhekk l-eccezzjonijiet ulterjuri ser jigu michuda.

3. Fir-rigward tat-tieni eccezjoni (preskrizzjoni ghat-tenur ta' l-Artikolu 2148b tal-Kodici Civili), din ukoll hija nfondata. Il-konvenut invoka din il-preskrizzjoni in konnessjoni max-xiri tal-magna 760AEC. Kif rajna jirrizulta li l-attur baghat statement lill-konvenut datat l-1 ta' Marzu 2001, fejn tissemma din il-magna u li fadal bilanc x'jithallas ta' mija u sebghin lira Maltija (Lm170). Il-konvenut baghat ittra (mhux datata) pero' bi twegiba ghall-statement iehor li minn din l-ittra jirrizulta li kien datat 4 ta' Ottubru 2000, fejn ikkontesta certu affarijiet li jirrizulta minn dan l-istatement. Din l-ittra giet prezentata mill-attur fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2007. Mill-kontenut ta' dan id-dokument jirrizulta bl-iktar mod evidenti li l-konvenut ma kienx qieghed jikkontesta l-ammont ta' Lm170 dovuti fuq il-magna 760 AEC. Imbaghad fl-4 ta' Jannar 2002 giet prezentata l-kawza mill-attur. Jekk wiehed kellu jaghmel il-kalkoli matematici bazat fuq dak li jinghad fl-istatement datat l-1 ta' Marzu 2001 (fol. 3) u dak li jinghad fl-ittra mibghuta mill-konvenut, jasal ghal konkluzjoni li fl-istatement datat 4 ta' Ottubru 2000 li ghalih saret riferenza fl-ittra tal-konvenut, kien qieghed ukoll jintalab il-hlas ta' Lm170 fir-rigward tal-magna 760 AEC. Ghalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti hi sodisfatta li s-socjeta attrici rnexxielha taghti prova li dan it-terminu gie interrott b'wiehed mill-motivi legali stabbiliti mill-ligi bl-Artikoli 2128, 2133 jew 2134 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

4. Fir-rigward tal-hames eccezzjoni, mill-istatement stess li nhareg mill-attur (fol. 4) datat 2 ta' Ottubru 2000,

jirrizulta li dak in-negozju (Bejgh ta' *"1 Eaton 3 speed box"*) ma sarx mal-konvenut personalment izda ma' kumpannija F & V Limited. L-istatement mahrug mill-attur stess huwa ndirizzat lil ***"Mr. Teddy Farrugia o.b.o. F & V"***. Imbaghad fl-ittra il kien baghat il-konvenut lill-attur wara li rcieva statement minghandu kien gharrfu:- *"Also I just want to bring your attention that the bill of F & V Ltd should be sent to Mr. Anton Vella."*. Madankollu dan l-ammont jirrizulta li gie nkluz fl-ammont li l-attur qieghed jitlob minghand il-konvenut li jidher li ma kienx involut f'dan in-negozju. Mix-xhieda stess tal-attur jidher li jaf li din il-kumpannija ghandha bhala azzjonisti lil George Farrugia (hu l-konvenut) u Anton Vella (ara xhieda moghtija mill-attur fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2007). Inoltre, l-ammont ta' mija u tlieta u erbghin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm143.23) ghall-magna Eaton ma giex inkluz fl-istatement datat 1 ta' Marzu 2001 (fol. 3). Dan prezumibilment ghaliex il-konvenut kien jaf li dan in-negozju ma sarx mal-konvenut imma mal-kumpannija F & V Ltd. Sahansitra parti mill-prezz thallas minn din is-socjeta (F & V Ltd) bit-trasport ta' xkejjer tas-siment. L-attur stess ikkonferma li hu kien jordna s-siment minghand din il-kumpannija (ara xhieda moghtija fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2007). Din il-Qorti ssibha difficli li temmen, fuq l-apprezzament taghha tal-korp unitarju tal-provi, illi l-attur ma kienx a konoxxenza ta' l-ezistenza tas-socjeta` F & V Limited u li n-negozju sar maghha. Ikollu jinghad li kollox ma' kollox, u skond it-test solitu tal-verosimiljanza u tal-kredibilita`, l-attur kien konsapevoli mill-involviment tal-kumpannija fir-rigward ta' dan in-negozju. Ghalhekk din l-eccezzjoni timmerita li tigi milqugha in kwantu fuq dan in-negozju l-konvenut m'ghandux relazzjoni guridika mal-attur.

5. Filwaqt li l-attur isostni li n-negozju kien wiehed ta' bejgh, fil-kors tas-smiegh tal-proceduri l-konvenut ighid li n-negozju kollu kien ta' tpartit. Skond l-Artikolu 1485(1) tal-Kodici Civili:-

*"it-tpartit hu kuntratt li bih il-partijiet jobbligaw ruhhom li jaghtu lil xulxin haga li ma tkunx flus"*.

Imbaghad l-Artikolu 1486(1) tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"Il-kuntratt jibqa' jitqies bhala kuntratt ta' tpartit, ghalkemm jigi msemmi l-valur tal-hwejjeg li l-partijiet jintrabtu li jaghtu lil xulxin jew ghalkemm wahda mill-partijiet tintrabat li taghti, flimkien mal-haga, zjieda fi flus"*.

Pero' hi l-fehma tal-Qorti li jekk in-negozju li sar bejn il-kontendenti huwiex bejgh jew tpartit mhuwiex daqstant rilevanti. Pero' kif jirrizulta mill-ligi stess, il-fatt li ghandek tpartit ma jfissirx li l-partijiet ma jistghux jiftehemu wkoll li xi parti tintrabat li flimkien mal-haga zzid xi flus. Il-ligi stess tipprovdi[6] li l-provvedimenti tal-bejgh japplikaw ghat-tpartit b'xi eccezzjonijiet li nsibu fl-Artikoli 1487-1492.

6. Jibqghu mbaghad l-oggetti l-ohra li jissemmew fl-istatement, cjoe' *"320 Cummins Big Com. Eng, ERF Unit, 3 fanali tal-ERF ta' wara, 1 Fanal tal-Leyland ta' wara"*. Il-konvenut qieghed isostni li:-

(a) **<u>Il-prezz tal-vettura ERF kien ta' Lm3,700 u mhux Lm4,000</u>**:- Sfortunatament f'dan ir-rigward ma gie prodott l-ebda dokument bil-firem tal-partijiet li juri x'kien il-prezz pattwit. Kollox sar bil-fomm u l-Qorti ghandha zewg verzjonijiet kontrastanti. F'dan ir-rigward il-Qorti ttendi biex temmen lill-attur. Il-konvenut xehed (ara affidavit fol. 39) li l-prezz kien ta' tlett elef u sebgha mitt lira Maltija (Lm3,700) filwaqt li l-attur dejjem kien konsistenti dwar il-prezz ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000). Min-naha l-ohra fi statement li nbaghat (intestat Albert Farrugia) u ndirizzat lill-attur datat 2 ta' Dicembru 2000 jinghad *"N.B. Prezz tat-trukk skond il-ftehim Lm3,800"*[7]. Irrizulta li Albert Farrugia huwa hu l-konvenut u fiz-zmien li sehh in-negozju meritu ta' din il-kawza kienu fin-negozju flimkien. Ftit xhur wara din ic-cifra nbidlet mill-konvenut ghas-somma ta' tlett elef u sebgha mitt lira Maltija (Lm3,700) (ara ittra prezentata mill-attur fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2007). Ghalkemm il-

[6] Artikolu 1493.
[7] Dok. RF1 a fol. 74.

konvenut xehed in kontro-ezami li qabel dakinhar qatt ma kien ghadu ra dan id-dokument[8], jidher bic-car li ntbaghat mill-ufficcju tieghu minn fejn kien jiggestixxi n-negozju ma' huh Albert Farrugia. F'dan id-dokument hemm id-dettalji tan-negozju li sehh bejn il-partijiet u fil-fehma tal-Qorti l-fatt li l-konvenut qal li ma nkitibx minnu u qatt ma kien rah qabel dakinhar, ma jfissirx b'daqshekk li d-dokument m'ghandu l-ebda valur probatorju. Id-diskrepanza fic-cifra bejn dik li tidher fid-dokument fuq imsemmi u f'dak li xehed il-konvenut twassal lill-Qorti sabiex fuq din il-kwistjoni tabbraccja t-tezi tal-attur.

(b) **<u>Is-somma ta' sebgha mitt lira Maltija (Lm700)</u>:-** Skond il-konvenut din kellha titnaqqas wara ftehim li kien intlehaq ma' certu Joseph Grech li kien debitur tieghu u kreditur ta' l-attur. Il-konvenut isostni li dan il-ftehim m'huwiex rifless fl-istatement mibghut mill-attur u li ghandu jitnaqqas mill-ammont dovut lill-attur. Filwaqt li l-attur jichad li qatt sar xi ftehim simili, il-konvenut baqa' jsostni li sehh dan il-ftehim. Il-verzjoni tal-konvenut hija korraborata minn Joseph Grech (fol. 24) u Marco Attard (fol. 43). F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax tiskarta x-xhieda taghhom in kwantu fil-fehma taghha m'hijiex konvinta li l-attur rnexxielu li jiskredita dak li qalu dawn iz-zewg xhieda u apparti l-fatt li l-konvenut ma harigx b'din il-verzjoni fil-kors tal-proceduri. Anzi jidher li huwa mill-ewwel attira l-attenzjoni tal-attur ghal dan il-ftehim meta rcieva statement datat 4 ta' Ottubru 2000 u wiegeb permezz ta' ittra.

(c) **<u>Marine Plywood - skond il-konvenut ikkonsenja *8 bundles* lill-attur u mhux sitta (6) kif indikat fl-istatement</u>**:- Fir-realta' jidher li fl-14 ta' April 2000 gew konsenjati tmien (8) bundles injam. L-attur ighid li ried li jirritorna tnejn minnhom, tant hu hekk li fid-dokument li jinsab a fol. 3 tal-process jinghad *"Please note 2 Bundles Marine Plywood (Type B) to be returned"* u jidher li dawn ma ttiehdux in konsiderazzjoni mill-attur fil-kalkoli li ghamel dwar il-hlas li kien ghadu qieghed jippretendi minghand l-konvenut. L-attur ighid li l-ilment

[8] Fol. 74.

tieghu dwar dawn iz-zewg bundles ta’ l-injam kien li ma kienux tat-tip “A” izda “B”. Mill-provi pero’ rrizulta li dawn iz-zewg bundles tal-injam gew accettati mill-attur u baqghu ghandu ghalkemm isostni li kien qal lill-konvenut biex jehodhom lura. Jekk dawn ma kienux tal-kwalita pattwita, x’kienet ir-raguni li l-attur ma rrifjutahom fid-data tal-konsenja ? L-attur ma ta l-ebda spjegazzjoni ta’ dan. Ghalkemm ma gietx prezentat kopja tal-istatement datat l-1 ta’ April 2000 li ntbaghat mill-attur, fl-ittra li ntbaghatet mill-konvenut jinghad *“In the one of Marine Plywood there was a mistake in your statement in the amount of bundles. It supposed to be 8 x 20 Bundles Marine Plywood instead of 6 x 20 Bundles. 8 Bundles consisted in 6A x 2B”*. Mill-provi lanqas ma jirrizulta li dawn iz-zewg bundles gew depozitati fil-Qorti jew li kien hemm xi qbil bejn il-partijiet li dawn ghandhom jigu ritornati. In kontro-ezami l-konvenut xehed, *“qalli biex nehodhom lura. X’hin ghidtlu biex nibdilhom, imbaghad biddel il-hsieb li se jzommhom ghax qal se jistmahom ghall-ixkaffar. Iva qalli li kien hemm tnejn ma kienux A, kienu B, fhimt, u ghidtlu, “jekk ma tuzahomx jew nibdilhomlok” u hu qalli, “issa la gibthom, hallihom ghax se nuzahom ghall-ixkaffar. Jiena dan id-diskors li kien hemm qisni qed nisimghu l-bierah…………….”*[9]. Fic-cirkostanzi l-Qorti tqies li dawn ukoll ghandhom jitnaqqsu mill-ammont li qieghed jippretendi l-attur.

7. Meta wiehed jaghmel il-kalkoli tal-bilanc li ghadu dovut lill-attur mehud in konsiderazzjoni dak li ghadu kif inghad hawn fuq, tibqa’ s-somma ta’ erbgha mija u sebghin lira Maltija (Lm470) li ghadha dovut lill-attur.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddecidi l-kawza billi:-

(1) Tichad it-tieni u t-tielet eccezzjoni spejjez kontra l-konvenut.
(2) Tilqa’ l-hames eccezzjoni, spejjez ta’ din l-eccezzjoni a karigu tal-attur.

[9] Fol. 71.

(3) Tichad l-ewwel u r-raba' eccezzjoni in kwantu l-konvenut qieghed jippretendi li m'ghandu jaghti xejn lill-attur u tilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' erbgha mija u sebghin lira Maltija (Lm470) inkluz il-VAT. Spejjez jinqasmu in kwantu ghal zewg terzi mill-attur u terz mill-konvenut.

Bl-imghax kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------